Proċedimenti quddiem l-UASI: proċedimenti ta' oppożizzjoni

Deċiżjoni kkontestata: deċiżjoni tal-Ewwel Bord tal-Appell tal-UASI tal-5 ta' Marzu 2015 fil-Każ R 220/2014-1

Talbiet

— tannulla d-deċiżjoni kkontestata u tiċħad l-oppożizzjoni;

— tiddeċiedi dwar l-ispejjeż favur ir-rikorrenti u/jew tannulla l-kundanna għall-ispejjeż mogħtija mill-Ewwel Bord tal-Appell.

Motivi invokati

— Il-Bord tal-Appell iddefinixxa b'mod żbaljat il-livell ta' attenzjoni tal-"konsumatur rilevanti" fis-sens tal-Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament Nru 207/2009;

— Il-Bord tal-Appell ma ddeċidiex jekk il-kelma "CLAN", meta ntużat flimkien ma' "MACGREGOR", kinitx kelma fantażjuża (jiġifieri nieqsa minn sinjifikat) għall-konsumatur rilevanti jew, bil-kontra, kinitx kelma li kellha sinjifikat li huma setgħu jifhmu;

— Il-Bord tal-Appell ma evalwax ix-xebh tat-trade marks fuq il-bażi legali u/jew fattwali korretta;

— Il-Bord tal-Appell ma evalwax il-probabbiltà ta' konfużjoni fuq il-bażi legali u/jew fattwali korretta.

Rikors ippreżentat fl-14 ta' Mejju 2015 – Espírito Santo Financial (il-Portugall) vs Bank Ċentrali Ewropew

(Kawża T-251/15)

(2015/C 245/40)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

Partijiet

Rikorrenti: Espírito Santo Financial (Portugal), SGPS, SA (Lisbona, il-Portugall) (rappreżentanti: R. Oliveira, N. Cunha Barnabé u S. Estima Martins, avukati)

Konvenut: Bank Ċentrali Ewropew

Talbiet

— tannulla d-deċiżjoni impliċita tal-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE), mogħtija fl-4 ta' Marzu 2015 skont l-Artikolu 8(3) tad-deċiżjoni BĊE/2004/3 (Deċiżjoni impliċita), li ma tagħtix aċċess komplet għad-deċiżjoni tal-BĊE tal-1 ta' Awwissu 2014, li tissospendi l-istatus ta' kontroparti, fil-kuntest tal-politika monetarja tal-Eurosistema, ta' Banco Espírito Santo SA u tobbliga lill-imsemmi bank jirrimborsa d-dejn kollu tiegħu fil-konfront tal-Eurosistema, tal-ammont ta' EUR 10 biljuni, kif ukoll id-dokumenti kollha fil-pussess tal-BĊE marbuta b'mod jew ieħor mal-imsemmija deċiżjoni;

— tannulla d-deċiżjoni espliċita tal-BĊE, tal-1 ta' April 2015 (id-deċiżjoni espliċita), li ma tagħtix aċċess komplet għad-dokumenti msemmija iktar 'il fuq;

— tikkundanna lill-konvenut għall-ispejjeż.

Motivi u argumenti prinċipali

Insostenn tar-rikors tagħha, ir-rikorrenti tinvoka ħames motivi.

1. L-ewwel motiv ibbażat fuq id-deċiżjoni impliċita, ibbażata fuq il-ksur tal-obbligu ta' motivazzjoni.

— Ir-rikorrenti ssostni li d-deċiżjoni impliċita, sa fejn ma tipprovdi l-ebda raġuni li tiġġustifika r-rifjut li tagħti aċċess komplet għad-dokumenti tal-BĊE mitluba, ma tosservax l-obbligu ta' motivazzjoni u għaldaqstant għandha tiġi annullata.

2. It-tieni motiv dwar id-deċiżjoni espliċita, ibbażat fuq il-ksur tal-obbligu ta' motivazzjoni f'dak li jikkonċerna d-deċiżjoni tal-Kunsill Governattiv tal-BĊE.

— Ir-rikorrenti ssostni li d-deċiżjoni espliċita li tirrifjuta l-aċċess għall-informazzjoni mitluba għandha tiġi annullata minħabba li tikser l-obbligu ta' motivazzjoni sa fejn (i) hija ppreżentat biss kunsiderazzjonijiet ġenerali fir-rigward tal-eċċezzjonijiet invokati li huma elenkati fl-Artikolu 4 tad-Deċiżjoni BĊE/2004/3 u, b'mod partikolari, (ii) ma tatx ir-raġunijiet għalfejn l-eċċezzjoni msemmija fl-ewwel inċiż tal-Artikolu 4(1)(a) tal-imsemmija deċiżjoni tiġġustifika restrizzjoni għad-dritt ta' aċċess tar-rikorrenti.

3. It-tielet motiv dwar id-deċiżjoni espliċita, ibbażat fuq il-ksur tal-ewwel, it-tieni u s-seba' inċiż tal-Artikolu 4(1)(a) tad-Deċiżjoni BĊE/2004/3.

4. Ir-raba' motiv dwar id-deċiżjoni espliċita, ibbażat fuq il-ksur tal-ewwel inċiż tal-Artikolu 4(2) tad-Deċiżjoni BĊE/2004/3 f'dak li jikkonċerna d-deċiżjonijiet tal-Bord Eżekuttiv tal-BĊE.

5. Il-ħames motiv dwar id-deċiżjoni espliċita, ibbażat fuq il-ksur tal-obbligu ta' motivazzjoni f'dak li jikkonċerna l-proposti tal-Bord Eżekuttiv tal-BĊE.

— Ir-rikorrenti ssosti li d-deċiżjoni espliċita għandha tiġi annullata minħabba li tikser l-obbligu ta' motivazzjoni sa fejn (i) hija ppreżentat kunsiderazzjonijiet ġenerali fir-rigward tal-eċċezzjonijiet invokati li huma elenkati fl-Artikolu 4 tad-Deċiżjoni BĊE/2004/3; (ii) hija ma indikatx ir-raġunijiet partikolari li għalihom l-aċċess għall-informazzjoni speċifika mitluba mir-rikorrenti hija rrifjutata (iii) hija ma immotivatx ir-rifjut li tiżvela l-informazzjoni abbażi tas-seba' inċiż tal-Artikolu 4(1)(a) tad-Deċiżjoni BĊE/2004/3; (iv) hija ma immotivatx ir-rifjut li tiżvela l-informazzjoni abbażi tal-ewwel inċiż tal-Artikolu 4(2) tal-imsemmija deċiżjoni, u (v) hija ma immotivatx ir-rifjut li tiżvela l-informazzjoni abbażi tal-Artikolu 4(3) tal-imsemmija deċiżjoni.

Rikors ippreżentat fil-21 ta' Mejju 2015 – Ferrovial *et* vs Il-Kummissjoni

(Kawża T-252/15)

(2015/C 245/41)

Lingwa tal-kawża: l-Ispanjol

Partijiet

Rikorrenti: Ferrovial, SA (Madrid, Spanja), Ferrovial Servicios, SA (Madrid, Spanja), Amey UK plc (Oxford, ir-Renju Unit) (rappreżentanti: M. Muñoz Pérez u M. Linares Gil, avukati)

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea

Talbiet

— tannulla d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni Ewropea, tal-15 ta' Ottubru 2014 irreġistrata bin-Nru C (2014) 7280, dwar l-għajnuna mill-Istat SA 35550 (13/C) (ex 13/NN) (ex 12/CP) implementata minn Spanja;